MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1884/2002

**Avviz Numru 1884/02 AJD**

**Ivan Curmi**

**vs**

**Malcolm Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta’ Awissu 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mija u tmenin lira Maltin u sittin centezmu (Lm580.60) rapprezentanti danni kagunati f’incident stradali li gara B’Kara fil-15 ta’ Gunju 2002 bejn il-ettura bin-numru tar-registrazzjoni EBF 242 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAU 665 misjuqa mill-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Lulju 2002 u tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax kontra l-konvenut min-notifika tal-Avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talba attrici fil-konfront tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija tal-konvenut izda sehh unikament bi traskuragni, mperizja jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da part ital-attur kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' PS 508,Francis Bezzina, ta' Colin Micallef, ta' Ivan Curmi u tal-konvenut Malcolm Calleja.
Ha konjizjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:
Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta' Gunju 2002, f'Dun Karm Bypass, B'Kara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBF 242 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAU 665 misjuqa mill-konvenut.

Illi l-attur xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni EBF 242 f'Ghargur Road, B'Kara u ried johrog ghal fuq B'Kara ByPass. Huwa waqaf fuq l-Stop Sign li hemm fit-tarf ta' Ghargur Road u meta hares lejn il-lemin sabiex jara jekk kienux gejjin vetturi minn dik id-direzzjoni, ra l-vettura tal-konvenut tiskiddja fid-direzzjoni tal-vettura tieghu. Il-vettura tal-konvenut laqtet il-vettura tall-attur fuq wara man-naha tal-lemin bil-ponta ta' quddiem tal-lemin taghha. Mal-ewwel impatt il-vettura tal-konvenut daret u regghet laqtet il-vettura tal-attur bil-genb  tal-lemin fuq il-kumplament tal-genb tal-lemin. L-attur jghid li l-vettura tieghu kienet wieqfa wara l-linja l-bajda li tiddemarka l-'IStop Sign'  angolata kwazi ghad-dritt u li bl-impatt iccaqalqet minn wara.

Illi l-konvenut min-naha l-ohra xehed li kien qed isuq il-vettura tieghu f'Dun Karm ByPass, fuq l-'inner lane' u

sejjer fid-direzzjoni ta' B'Kara. Meta wasal fil-kisra ra l-vettura tal-attur hierga minn fuq l-'iStop Sign', huwa laqat lil din il-vettura li mxiet lura bl-impatt. Il-konvenut jghid li meta ra l-vettura tal-konvenut l-ewwel darba din kienet harget tul ta' nofs karozza minn fuq l-iStop Sign u kienet tul ta' awla l-boghod minnu. Il-konvenut jghid ukoll li meta ra l-vettura tal-konvenut huwa nfixel u qal li malli ra l-vettura tal-konvenut l-ewwel naqqas il-velocita' u mbaghad ghafas il-brejk. Wara ftit sekondi l-istess konvenut biddel il-verzjoni u qal li ghafas il-brejk mill-ewwel. Meta gie mistoqsi mit-Tribunal x'kienet ir-raguni li ghamel hekk u m'ghafasx il-brejk mal-ewwel, huwa ma kienx jaf jirrispondi.

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni ta' kif sehh l-incident moghtija mill-attur hija ferm aktar kredibbl u dan ghal diversi ragunijiet u cioe':-

1. Il-verzjoni tal-attur giet korroborata minn Colin Micallef u cioe' il-passigier fil-vettura tal-attur.
2. Is-surgent li nvestiga l-kaz ikkonferma li huwa sab il-vettura tal-attur wara l-linja l-bajda li tiddemarka l-'iStop Sign'.
3. Mill-iskizz esebit a fol. 18 tal-process jidher li l-impatt sehh wara l-linja l-bajda tal-'iStop Sign' u dan jirrizulta mill-hgieg miksur li jindika l-'ispot of impact' li huwa kollu wara l-linja l-bajda.
4. It-Tribunal sema' lill-konvenut jixhed 'viva voce' u dan ma kienx kapaci jispjega r-raguni ghalfejn huwa naqqas il-velocita' u sussegwentement ghafas il-brejk meta ra l-vettura tal-attur tul ta' awla l-boghod minnu hierga minn fuq 'Stop Sign'.
5. Il-brejk marks wara l-vettura tal-konvenut jindikaw li huwa kien qed isuq b'velocita' eccessiva u li ma kellux kontroll komplet u totali tal-vettura tieghu kif jirrikjedu r-regolamenti tas-sewqan.

Illi dawn il-fatturi kollha jindikaw li l-inicident de quo sehh unikament tort tal-konvenut li kien qed isuq b'velocita' eccessiva u li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa' diehel fil-vettura tal-attur li kienet wieqfa fuq 'Stop Sign' tistenna sabiex tohrog ghal fuq it-triq principali.

Illi l-quantum tad-danni reklamati mill-attur ma gewx kontestati mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-istess attur esebixxa d-dokumenti kollha necessarji sabiex jissostanzja t-talba tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tmenin lira Maltin u sittin centezmu (Lm580.60), bl-imghax legali kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------